MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 46/2018

Il-Ġimgħa 13 t'April 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

46.1.1 Is-Sindku qal illi ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba, kienet skużata. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 46.2 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti: *Tender for the surfacing of new street in Triq Sagħtrija, iż-Żebbuġ Gozo;*

46.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-5 ta' Marzu 2018. Dawn kienu :

Gatt Tarmac Ltd. - €35,362.01 (VAT eskluż) ;
Road Construction Co. Ltd. - €43,982.25 (VAT eskluż).

46.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda lil Gatt Tarmac Ltd. Peress li kienet l-irħas offerta u li kienet tissodisfa l-kriterji mitluba.

46.2.3 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkomandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat unanimament.

### 46.3 Rapport lil Transport Malta rigward *reserved parking bay* fi Triq Skapuċċina ;

46.3.1 Is-Sindku ppreżenta ittra mibgħuta minn Transport Malta sabiex jimtela' rapport mill-Kunsill Lokali dwar applikazzjoni għal *reserved parking bay* fi Triq Skapuċċina.

46.3.2 Wara diskussjoni mill-membri fuq din l-applikazzjoni, ħarġu żewġ punti prinċipali : il-punt li fl-ittra ma hemmx indikazzjoni ta' fejn qiegħda tiġi proposta li ssir din ir-*reserved parking bay* ; u punt ieħor li r-rapport mitlub minn Transport Malta fih mistoqsijiet li jridu jiġu mwieġba minn persuni kompetenti fil-qasam u mhux mill-membri tal-Kunsill Lokali.

46.3.3 Madanakollu, fil-preżenza tal-membri preżenti, ir-rapport imtela' kif mitlub

minn Transport Malta, ittieħed il-fatt li riċentament inżebgħu s-sinjali tal-immaniġjar tat-traffiku u r-rapport imtela' a bażi ta' informazzjoni skont l-għarfien tal-membri u tal-Kunsill Lokali.

## 46.4 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-6.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 20 t'April 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija

Konfermati, illum il-Ġimgħa 20 t'April 2018.

| Iffirmati | Iffirmati |
|---|---|
| Nicky Saliba<br>Sindku | Ryan Debrincat<br>Segretarju Eżekuttiv |